MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2013

Numru. 637/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

**Silvio Camilleri**

**Kumpilazzjoni Numru: 637/2013**

**Illum 28 ta' Ottubru 2013**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra Silvio Camilleri**,** ta' 29 sena, bin Carmel Camilleri u Gemma Camilleri , imwieled fl-10 ta' Marzu, 1984, residenti fil-fond numru 17 Flat 4, Triq il-

Flotta Gzira u detentur ta’ karta ta’ l-identita’ numru 163884(M).

Akkuzat talli f’ dawn il-Gzejjer fil-5 ta’ Lulju, 2013 bejn 11:00am u 1:30pm minn gewwa St George’s Park. Kamra nru. 742, Triq id-Dragonara, San Giljan u/jew mill-vicinanzi kkommetta serq ta’ kamera tar-ritratti ta’ l-ghamla Nikon D90, I Pad, hwejjeg, basket ta’ kulur iswed u dokumenti personali ohra ghad-detriment ta’ Oana Denisa Seres u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil-‘mezz’, bil-‘valur’ u bil-‘lok’. (Art. 261 (b), (c) u (e), 263 (a), 267, 269(g) Kap 9)

Akkuzat ukoll talli fis-7 ta’ Lulju 2013 ghal habta ta’ 12:00am minn gewwa La Vallette Hotel Kamra nru. 3006, Triq Dragonara San Giljan, bil-hsieb li jaghmel delitt cioe’ jisraq minn gewwa l-istess kamra, ghad-dannu ta’ Rodrigue Bourgoi u/jew s-sidien ta’ l-imsemmija lukanda u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra wera dan il-hsieb b’ atti esterni u ta’ bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu aggravati bil-‘mezz’, ‘valur’, ‘lok’ u ‘hin;. (Art. 41(1)(a), 261 (b), (c), (e) (f), 263(a), 267, 269(g), 270 Kap 9.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi wara li f’ Malta gie kkundannat ghal serq jew ricettazzjoni nstab fil-pussess tieghu flus jew oggetti ohra li ma kienx tal-kundizzjoni tieghu, minghajr ma ta kont sodisfacenti ta’ kif gew legittimament ghandu, inkella nstabu ghandu ghodod tajbin ghal ftuh jew sgassar ta’ serraturi minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittima kienu nstabu ghandu (Art 287 Kap 9).

Akkuzat ukoll talli kiser Ordni ta’ Probation li nghatat fis-19 ta’ Lulju, 2012 mill-Magistrat Dr D Clarke LL.D.

Il-Qorti giet mitluba biex f’kaz ta’ htija tikkunsidra lill-imputat bhala recidiv ai termini ta’l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 267, 269, 270, 287 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet il-provi, u t-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu F'dan ir-rigward l-Qorti tosserva li l-imputat inghata diversi opportunitajiet biex jirriabilita lilu nnifsu imma jidher li l-imputat m'gharafx jisfrutta dawn l-opportunitajiet, ghalhekk il-Qorti bil-fors ser ikollha timponi piena karcerarja effettiva u titratta ma' l-imputat ghar-reati li tghhom instab hati u tpogga taht ordni ta' probation fid-19 ta' Lulju 2012.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 267, 269, 270, 287 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Silvio Camilleri hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah erbatax (14) il-xahar prigunerija. In oltre u b' applikazzjoni ta' l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tghazel li titratta ma' l-imputat ghar-reati li taghhom instab hati permezz ta' sentenza tad-19 ta' Lulju 2012 u ta' dawk ir-reati tikkundannah hdax (11) il-xahar

priġunerija. Il-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin biex l-imputat jinghata l-opportunita li ghamel programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u li ghal dan il-ghan ikollu l-assistenza ta' social worker.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------